# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 14 ta' Novembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.:312 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 25**

**MM**
**Vs**
**OG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MM datat 20 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:.

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fis-sebgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (27.09.2008), (certifikat anness u mmarkat* ***Dok A****) minn liema zwieg kellhom tifel bl-isem ta' RG, li twieled f'X u ghalhekk ghadu minorenni;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mid-disgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (29.01.24) permezz tal-kuntratt redatt min-Nutar Dottor Mario Bugeja, liem kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok B;***

3. *Illi l- partijiet ilhom jghixu mhux flimkien min-Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020);*

4. *Illi filwaqt li l-partijiet iddedakaw mid-dritt ta' manteniment minghand xulxin, l-intimat OG qieghed jissoministra s-somma ta' mitejn u hamsin ( €250) fix-xahar, lill-esponenti bhala manteniment ghall-minuri, u dan qed tircevieh;*

5. *Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi, llum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taż-żwieġ taz-zewg partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' OG datata 23 ta' Settembru 2024 li taqra hekk (Vide Fol 22)

*Illi l-esponenti ma jopponix ghad-divorzju b'dana illi huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta din il-Procedura;*

*Illi l-esponenti qieghed jipprezenta ukoll l-affidavit tieghu anness bhala Dokument A;*

*Illi l-esponenti jissottometti illi ma ghandux aktar provi u lanqas trattazzjoni x'jaghmel;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehed (vide affidavit fol 15)** u ddikjarat illi huma izzewgu nhar is-27 ta' Settembru tas-sena 2008 fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Minn dan iz-zwieg twieled tifel li jismu RG u twieled f'X. Sostniet illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar id-29 ta' Jannar 2024 fl-atti tan-Nutar Dr Mario Bugeja. Di piu' il-partijiet ikkonfermaw li ilhom separati de facto ghal aktar minn sena u nofs. In oltre ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 25) u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Settembru 2008 liema zwieg jgib certifikat numru 1822/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja nhar d-29 ta' Jannar 2024 (Vide fol 5 et seqq.) u ilhom separati de facto minn Novembru 2020. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1822/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**